# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 132/2015 MH**

**Illum, 17 ta' Frar 2023**

**Paul Cachia u martu Josephine Cachia (K.I.227364M u 643163M rispettivament)**

**vs**

**Joseph Gatt u martu Louise Gatt (K.I. 424369M u 1468M rispettivament)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-atturi tat-12 ta' Frar 2015** permezz ta' liema huma ppremettew u talbu –

**Jesponu bir-rispett u bil-gurament taghhom jikkonfermaw:**

1. Illi l-atturi huma kredituri tal-konvenuti fis-somma ta' tmienja u sebghin elf, mija u ghoxrin ewro (€78,120), rapprezentanti self brevi manu moghti mill-atturi lill-konvenuti;

2. Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m'ghandhom ebda eccezzjonijiet x'jaghtu in kontra trattazzjoni ghat-talbiet attrici u b'hekk jezistu c-cirkostanzi komtemplati fl-

Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh;

3. Illi dan kollu l-esponenti jafu bih personalment;

4. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

5. Illi l-konvenuti debitament interpellati baqghu inadempjenti;

**Jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:**

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh a tenur ta' l-artikoli 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Konsegwentement, tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lir-rikorrenti s-somma komplessiva ta' tmienja u sebghin elf, mija u ghoxrin ewro (€78,120), lilhom dovuta kif fuq premess.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra uffficcjali datata 21 ta' Awwissu, 2014 u dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 229/15 u bl-imghax mid-data tal-pagament effettiv u l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat li filwaqt li fl-ewwel talba tagħhom l-atturi talbu lill-Qorti tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smiegħ għax l-ammont pretiż allegatament kien ċert, likwidu u dovut, il-konvenut assistit deher waqt l-ewwel seduta tas-26 ta' Marzu 2015 u wera sodisfaċentement li kellu difiża xi jressaq, huwa ġie akkordat terminu biex jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti tat-13 t'April 2015**[1] permezz ta' liema tressqu dawn l-eċċezzjonijiet -

Bir-rispett jesponu, u bil-gurament tieghu Joseph Gatt jikkonferma:

<u>Stqarrija ta' I-Eccezzjonijiet</u>

1. Illi fl-ewwel lok, id-diversi negozji ta' self mertu tal-kawza huma Ikoll nulli u bla effett, stante li I-atturi kienu qed joperaw bhala istituzzjoni finanzjarja minghajr id-debita licenzja, u dan bi ksur ta' I-Artikolu 3(1) ta' I-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji (Kapitlu 376 tal-ligijiet ta' Malta).

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, is-self kollu allegat mill-atturi sar versu imghax li jeccedi I-limitu mpost mil-ligi u kwindi b'uzura, u ghalhekk I-istess self huwa kollu afflitt minn causa illecita.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, in-negozju guridiku mertu tal-kawza huwa kollu kemm hu afflitt mill-illecitu, stante li kien jinvolvi flejjes provenjenti minn operazzjonijiet kostitwenti reati.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, in-negozju guridiku menu tal-kawia huwa kollu kemm hu afflitt mill-illeéitu, stante li kien jinvolvi flejjes provenjenti minn operazzj onijiet kostitwenti reati.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont pretuz mill-atturi huwa wiehed eccessiv.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-atturi, li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

[1] Fol 28 et seq

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat il-provi mressqa mill-partijiet u n-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejniethom.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-proċeduri odjerni l-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti sabiex tordna lill-konvenuti jħallsuhom is-somma ta' €78,120 rappreżentanti self brevi manu mogħti minnhom lill-konvenuti.

Minn naħa tagħhom il-konvenuti jirrespinġu dawn il-pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

**A. <u>PROVI</u>**

1. **L-attriċi Josephine Cachia** tixhed li[2] l-istorja bdiet fil-bidu t'Awwissu 2013 wara li l-konvenut Joseph Gatt kien mar id-dar tagħhom u talab lilha u lil żewġha l-attur Paul Cachia sabiex jisilfuh xi flus. Dan peress li kellu xi xogħol tal-injam għall-kċejjen ġej minn barra minn Malta u kellu bżonn għajnuna finanzjarja. Dakinhar kien talabhom jisilfuh is-somma ta' €8,000. Dik il-ġimgħa stess huwa kien reġa' mar għandhom biex ituh il-flus u l-konvenut, fil-preżenza anke ta' wliedhom, ried itihom tnax -il ċekk maħruġin fil-bidu t'Awwissu 2013: ħdax ta'

[2] Affidavit a fol 252 et seq

€650 u wieħed fl-ammont ta' €850. Iżda l-atturi rrifjutaw li jgħaddulu l-flus qabel ma jsir ftehim għand in-nutar. Dan il-ftehim imbagħad sar fis-16 ta' Settembru 2013. Ftit ħin wara li ġie ffirmat il-ftehim u kulħadd telaq lejn id-dar, il-konvenut reġa' mar id-dar tagħhom u talabhom is-somma ta' €21,000 u ħames bank drafts separati oħra li huma –

€1,250 – Sunny Gatt
€2,550 – Beechwood Ltd
€2,500 – Royal Travel
€250 – Mario Borg

Il-konvenut kien wegħdom li fi żmien sitt xhur se jħallas.

L-atturi sellfuh dawn l-ammonti wkoll. Wara gimgħa li tawhomlu hu reġa mar għandhom għall-ħabta tat-22 ta' Settembru 2013 u talabhom is-somma ta' €7,650, liema somma mart l-attur marret iġġib mill-Bank u tathomlu filwaqt li hu taha ċekk.

Għall-bidu t'Ottubru 2013 il-konvenut mar u ħa lura tlett ċekkijiet ta' €650 li hu kien tahom relatati mas-self tat-€8,000 u minflok ħallashom fi flus kontanti u ċioe' s-somma ta' €1,950.

Fit-8 ta' Novembru 2013 il-konvenut kien talab lill-atturi jagħmlulu bank draft ieħor lil Royal Travel għas-somma ta' €2,500. Hi tatu dan l-ammont wara li ġabitu mill-Bank.

Sussegwentement kompliet titħaddem is-sistema li biha kull meta l-konvenut kien iħallas parti mid-dejn fi flus kontanti, hija kienet ittih lura ċ-ċekk ekwivalenti post-dated li jkun taha żmien qabel u tiktiblu 'PAID' fuqhom.

Fuq talba ulterjuri tal-konvenut, fid-29 ta' Novembru 2013, l-atturi ġibdu mill-Bank u sellfulu s-somma ta' €18,000. Peress li kienet somma konsiderevoli, l-atturi kellhom jordnawhom u filgħodu mngħataw mill-Bank €12,000 u wara nofsinhar ġabru s-somma ta' €6,000. Għal din is-somma l-konvenut tahom ċekk li kellu jissarraf f'Diċembru 2013 iżda ma ssarrafx.

Kien hemm numru ta' trasferimenti li saru fuq Joseph Gatt u fuq Manuel Gatt.

Fis-7 ta' Diċembru 2013[3] sar l-aħħar trasferiment mill-atturi għal fuq il-konvenut Joseph Gatt fis-somma ta' €10,670.

L-atturi bdew jippersistu mal-konvenut sabiex iħallas dan id-dejn u peress li baqa' inadempjenti għall-bidu ta' Jannar 2014 huma marru fil-fabbrika tal-konvenut biex almenu jaraw ix-xogħol li tal-injam li suppost kien qiegħed iġib il-konvenut minn barra iżda missieru Emanuel Gatt qalilhom li kien ilu ma jidħol xogħol il-fabbrika fil-fatt din kienet inkriet lil terzi li kienu qed jaħdmu xogħol ta' aluminju u li l-konvenut stess kien sab xogħol ieħor.

L-atturi bdew jistaqsu lill-missier il-konvenut dwar il-flus iżda qalilhom li ma kien jaf xejn. Huma kienu sorpriżi peress li uħud miċ-ċekkijiet li kien qed itihom il-konvenut kienu fuq isem missieru u wkoll uħud mill-bank drafts li ħarġu l-istess atturi kienu saru fuq isem Emanuel Gatt.

Meta l-konvenut sar jaf b'dan huwa ħadha kontra l-atturi talli kienu qalu lil missieru. Għalkemm ftit wara l-atturi kienu ġew imwegħda li ser isir ftehim li bih

[3] Dakinhar ukoll kienet ġiet imsellfa lill-konvenut somma oħra ta' €400 għall-kura ta' waħda minn ulied il-konvenuti li, minkejja li baqgħet ma tħallsitx lura, maġietx inkluża fit-talbiet tal-atturi fil-kawża

il-ħlas dovut kien ser isir minn Emanuel Gatt u Christopher Gatt, dan baqa' ma sarx.

Fi Frar 2014 l-atturi ġew avviċinati mill-konvenut Joseph Gatt fejn talabhom ituh l-IBAN number u l-kumplament tal-informazzjoni fuq il-kont sabiex ikun jista' jtihom l-imgħax ta' 8% skont il-liġi. L-attriċi tgħid pero' li huma l-flus riedu u mhux l-imgħax.

Wara li l-attur għamel żmien twil ġew u sejjer il-fabbrika waslu għal ftehim fil-5 ta' Marzu 2014 li l-konvenut itihom bank draft ta' €4,300 u huma jtuh lura ċekk ta' €4,300 li ma kinux issarrfu. L-attriċi għamlitlu riċevuta li ffirma missieru.

Fit-23 ta' Mejju l-konvenut tahom €650 fi flus kontanti u l-attriċi tatu lura ċekk li kien taha għal dak l-ammont u li ma kienx issarraf.

Wara dawk il-pagamenti li għamel il-konvenut huwa ma ħallas xejn aktar. Wara li f'April 2014 l-atturi kienu bagħtu lill-konvenuti l-ewwel ittra bl-avukat huwa kien avviċinahom biex jgħinuh iġib self mill-Bank iżda s-self ma ngħatalux. Minn hemm, is-sitwazzjoni bejn il-partijiet bdiet tiddeġenera tant li wasslet biex l-atturi ntavolaw il-proċeduri odjerni.

2. **Il-konvenut Joseph Gatt** ta verżjoni pjuttost differenti ta' kif seħħew l-affarijiet bejn il-partijiet. Huwa ddikjara bil-ġurament[4] li huwa direttur tal-kumpanija Beechwood Ltd u n-negozju prinċipali tagħha hu li timmanifatturau tbiegħ l-għamara, prinċipalment imwejjed u siġġijiet. L-atturi ġieli xtraw għamara mingħand din il-kumpanija. L-attur darba kien qallu li kien silef il-flus

[4] Fol 36 et seq

lil xi ħadd u meta għadda żmien u l-konvenut ġie bżonn il-flus ftakar fih u avviċina lill-attur biex isellfu xi flus u dan aċċetta.

Skont il-konvenut, fl-24 t'Awwissu 2013 l-atturi ftehmu miegħu li jisilfuh €5,000 b'dan li kellu jagħtihom minflokhom €8,000 fi żmien sena u jiggarantilhom dik is-somma permezz tal-fond matrimonjali tiegħu. Dakinhar stess l-attur tah parti mis-somma u ċioe' €1,500 jew €1,600 in kontro-kambju għal tlett ċekkijiet ta' €650 il-wieħed maħruġ mill-konvenut. Dawn it-tlett ċekkijiet kienu –

- Ċekk numru 242 għal €650 pagabbli fl-14 ta' Settembru 2013
- Ċekk numru 243 għal €650 pagabbli fil-5 t'Ottubru 2013
- Ċekk numru 244 għal €650 pagabbli fis-26 t'Ottubru 2013

Il-konvenut żied jgħid li fil-ftehim tas-16 ta' Settembru 2013 li sar quddiem in-nutar, is-somma realment mislufa kienet €5,000 u mhux €8,000. L-imgħax kien ta' €3,000 u dan l-imgħax flimkien mal-kapital kellhom jitħallsu fi żmien sena. Peress li parti mill-flus kienu diġa' ġew mgħoddija qabel din id-data , fil-kuntratt ingħad li kull ftehim li kien sar bejn il-partijiet qabel dakinhar kien qed jitħassar u li ma kien hemm ebda pendenzi bejn il-partijiet.

Dakinhar tal-ftehim il-konvenut ta lill-attur disa' ċekkijiet oħra –

Ċekk numru 249 għal €650 pagabbli fis-16 ta' Novembru 2013
Ċekk numru 250 għal €650 pagabbli fis-7 ta' Diċembru 2013
Ċekk numru 251 għal €650 pagabbli fit-28 ta' Diċembru 2013
Ċekk numru 252 għal €650 pagabbli fit-18 ta' Jannar 2014
Ċekk numru 253 għal €650 pagabbli fis-8 ta' Frar 2014
Ċekk numru 254 għal €650 pagabbli fl-1 ta' Marzu 2014
Ċekk numru 255 għal €650 pagabbli fit-22 ta' Marzu 2014

Ċekk numru 256 għal €650 pagabbli fit-12 t'April 2014
Ċekk numru 257 għal €850 pagabbli fit-3 ta' Mejju 2014

Peress li l-aħħar ċekk ta' €850 kellu jissarraf fit-3 ta' Mejju 2014, il-konvenut saħaq li dan kien intiż li jseħħ f'inqas minn 8 xhur mill-iffirmar tal-ftehim.

Il-konvenut qal li ċ-ċekk 243 kien issarraf filwaqt li ċ-ċekkijiet bin-numri 242, 244, 249, 250 u 253 kienu ġew ritornati lilu mill-atturi peress li kien ħallas l-ekwivalenti tagħhom fi flus kontanti. Filwaqt li ċ-ċekkijiet bin-numri 251, 252, 254, 255, 256 u 257 baqgħu ma ssarfux.

Dakinhar li sar il-ftehim tas-16 ta' Settembru 2013 saru diversi transazzjoniijiet oħra bejn il-partijiet –

- €21,000 depożitata mill-atturi fil-kont personali tal-konvenut. Il-ftehim kien li l-konvenut kellu jħallas lura lill-atturi s-somma ta' €24,780 li tinkludi l-imgħax sas-16 ta' Marzu 2014. Dan ifisser imgħax ta' 36% fuq medda ta' sitt xhur. Peress li fi Frar 2014 inqala l-inkwiet bejn il-partijiet, huwa ma ħallas xejn;

- €250 mogħtija mill-atturi fuq struzzjonijiet tal-konvenut permezz ta' bank draft a favur Mario Borg (fol 10). Minn din is-somma l-konvenut irrikonoxxa li ma ħallas xejn;

- €2550 mogħtija mill-atturi fuq struzzjonijiet tal-konvenut permezz ta' bank draft a favur il-kumpanija Beechwood Ltd (fol 11). Dwar din is-somma l-konvenut jelenka s-segwenti pagamenti li huwa jgħid li għamel bħala nteressi fuq dan l-ammont –

(a) €120 fis-27 ta' Settembru 2013

(b) €120 fl-4 t'Ottubru 2013

(ċ) €120 fil-11 t'Ottubru 2013

(d) €120 fit-18 t'Ottubru 2013

(e) €120 fil-25 t'Ottubru 2013

(f) €120 fl-1 ta' Novembru 2013

(ġ) €120 fit-8 ta' Novembru 2013

(ħ) €120 fil-15 ta' Novembru 2013

(i) €120 fit-22 ta' Novembru 2013

(j) €120 fid-29 ta' Novembru 2013

- €1,250 mogħtija mill-atturi fuq struzzjonijiet tal-konvenut permezz ta' bank draft a favur ċertu Sunny Gatt (fol 11). Dwar din is-somma l-konvenut jelenka s-segwenti pagamenti li huwa jgħid li għamel lill-atturi bħala nteressi fuq dan l-ammont –

(a) €55 fis-27 ta' Settembru 2013

(b) €55 fl-4 t'Ottubru 2013

(ċ) €55 fil-11 t'Ottubru 2013

(d) €55 fit-18 t'Ottubru 2013

(e) €55 fil-25 t'Ottubru 2013

(f) €55 fl-1 ta' Novembru 2013

(ġ) €55 fit-8 ta' Novembru 2013

(ħ) €55 fil-15 ta' Novembru 2013

(i) €55 fit-22 ta' Novembru 2013

(j) €55 fid-29 ta' Novembru 2013

- €2,500 mogħtija mill-atturi fuq struzzjonijiet tal-konvenut permezz ta' bank draft a favur Royal Travel Ltd (fol 12). Minn din is-somma l-konvenut irrikonoxxa li ma ħallas xejn;

Imbagħad, fit-8 ta' Novembru 2013, l-atturi fuq struzzjonijiet tal-konvenut ħarġu bank draft ieħor għas-somma ta' €2,500 a favur Royal Travel Ltd (fol 12). Fuq din is-somma l-konvenut jgħid li ħallas lill-atturi dawn l-ammonti bħala nteressi–

Il-konvenut iżid jgħid li l-pagamenti msemmija għamilhom jew bi flus kontanti jew ċekkijiet tal-klijenti li hu aġġira a favur l-atturi

(a) €95 fil-15 ta' Novembru 2013
(i) €95 fit-22 ta' Novembru 2013
(j) €95 fid-29 ta' Novembru 2013

Fis-7 ta' Diċembru 2013 l-atturi ddepożitaw fil-kont personali tiegħu mal-Bank of Valletta s-somma ta' €10,670 (fol 9). Il-konvenut ammetta li minn din is-somma ma ħallas xejn lura u la jiftakar kif u lanqas meta kellu jħallas tali somma lura u lanqas kemm kienet is-somma li kellu jagħti lura lill-atturi.

Il-konvenut imbagħad jagħmel referenza għal diversi ċekkijiet mogħtija minnu lill-attur Paul Cachia, b'uħud minnhom pagabbli lil terzi. Dawn is-somom kienu jirrappreżentaw ħlasijiet mingħandu lill-atturi għal flejjes minnhom mislufa xi ġimgħat qabel u li huwa baqa' ma ħallas xejn lura minnhom. Dawn iċ-ċekkijiet ma kinux issarfu jew għax ma kienx hemm biżżejjed fondi fil-kont tal-konvenut jew għax il-kont li miegħu kienu marbuta tali ċekkijiet kien ingħalaq –

(a) Ċekk numru 319 lill-atturi (fol 13) għall-ammont ta' €4,500 li kien jissarraf fil-21 ta' Novembru 2013 u li minnha s-somma realment mislufa mill-atturi kienet ta' €4,050 filwaqt li l-bqija kienu nteressi;

(b) Ċekk numru 326 pagabbli lil Beechwood Ltd (fol 16) għall-ammont ta' €6,300 li kien jissarraf fit-18 ta' Novembru 2013 u li minnha s-somma realment mislufa mill-atturi kienet ta' €5,650 filwaqt li l-bqija kienu nteressi;

(ċ) Ċekk numru 270 pagabbli lil Beechwood Ltd (fol 16) għall-ammont ta' €2,500 li kien jissarraf fit-2 ta' Diċembru 2013 u li minnha s-somma realment mislufa mill-atturi kienet ta' €2,250 filwaqt li l-bqija kienu nteressi;

(d) Ċekk numru 338 pagabbli lil Beechwood Ltd (fol 16) għall-ammont ta' €3,500 li kien jissarraf fis-16 ta' Diċembru 2013 u li minnha s-somma realment mislufa mill-atturi kienet ta' €3,150 filwaqt li l-bqija kienu nteressi;

(e) Ċekk numru 340 pagabbli lil Beechwood Ltd (fol 18) għall-ammont ta' €3,500 li kien jissarraf fit-30 ta' Diċembru 2013 u li minnha s-somma realment mislufa mill-atturi kienet ta' €3,150 filwaqt li l-bqija kienu nteressi;

(f) Ċekk numru 268 pagabbli lil Beechwood Ltd (fol 18) għall-ammont ta' €4,000 li kien jissarraf fit-18 ta' Diċembru 2013 u li minnha s-somma realment mislufa mill-atturi kienet ta' €3,600 filwaqt li l-bqija kienu nteressi;

(ġ) Ċekk numru 339 pagabbli lil Beechwood Ltd (fol 20) għall-ammont ta' €3,500 li kien jissarraf fit-23 ta' Diċembru 2013 u li minnha s-somma realment mislufa mill-atturi kienet ta' €3,100 filwaqt li l-bqija kienu nteressi;

(g) Ċekk numru 280 pagabbli lil Beechwood Ltd (fol 20) għall-ammont ta' €3,000 li kien jissarraf fid-9 ta' Diċembru 2013 u li minnha s-somma realment mislufa mill-atturi kienet ta' €2,700 filwaqt li l-bqija kienu nteressi;

Inoltre, fin-nota ġuramentata tiegħu a fol 42 et seq, il-konvenut elenka diversi transazzjonijiet oħra ta' self li huwa jgħid li rċieva mill-atturi b'imgħax mitlub allegatament aktar ogħli minn dak stipulat mill-liġi, liema somom pero' ma jiffurmawx parti mill-mertu tal-kawża ntavolata mill-atturi.

Il-konvenut xehed ukoll[5] li l-ftehim dwar l-imgħaxijiet bl-użura fuq is-self mogħti lilu mill-atturi sar kollu bil-kliem u apparti l-ftehim tas-16 ta' Settembru 2013 ma kien hemm ebda ftehim ieħor bil-miktub bejniethom. Qal ukoll li l-partijiet kienu jimxu hekk – huwa kien jagħti lill-atturi ċekk ekwivalenti għall-ammont dovut u jgħidilhom biex ma jsarrfux iċ-ċekk. Imbagħad, eventwalment kien jibgħat il-flus kontanti ma' sieħbu Mario Borg u ċ-ċekk kien jitqatta u l-mamma tiegħu kienet tiġi ngassata. Xehed ukoll li l-flus mislufa lilu kienu parti ġejjin mill-kontijiet bankarji tal-atturi u parti fi flus kontanti[6].

3. Minn naħa tiegħu **l-attur Paul Cachia** xehed diversi drabi. Hu ta dettalji dwar il-flus li sellfu lill-konvenut u l-modalitajiet tal-ħlas għalkemm qal li aktar martu l-attriċi kienet tieħu ħsieb id-dettalji tas-self. Qal li dwar l-imgħaxijiet fuq is-self huwa kien jiftiehem mal-konvenut biex iħallas daqs kemm kien jagħtih il-Bank bħala nteressi. L-attur qal li huwa aċċetta li jsellef lill-konvenut dawk l-ammonti ta' flus peress li dan ta' l-aħħar kien għamel ipoteka fuq id-dar matrimonjali tiegħu biex jiggarantixxi l-ħlas lura tad-dejn u allura dan tah serħan il-moħħ li l-konvenut ma kienx ser jirriskja din il-proprjeta' tiegħu u ma jħallasx.

---

[5] Fol 232 et seq
[6] Fol 490B

L-attur ma ftakarx jekk id-dati li kienu ndikati fiċ-ċekkijiet kinux l-istess dati li fihom huma sellfu l-flus lill-konvenut. Pero' dejjem ċaħad kategorikament li huwa sellef lill-konvenut flus bl-użura jew li parti mis-somma mitluba fil-kawża tinkludi imgħax bl-użura. L-attur ma ċaħadx li huwa kien silef lill-konvenut flejjes oħra iżda fil-kawża odjerna qal li qiegħed jitlob biss dawk l-ammonti li setgħu jiġu ppruvati u ġustifikati. Qal ukoll li dak kollu li silef lill-konvenut ħareġ mil-kontijiet bankarji li l-atturi għandhom mal-Bank of Valletta.

## A. <u>EĊĊEZZJONI PRELIMINARI</u>

**4.L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti** tgħid hekk –

"Illi fl-ewwel lok, id-diversi negozji ta' self mertu tal-kawża huma lkoll nulli u bla effett stante li l-atturi kienu qed joperaw bħala istituzzjoni finanzjarja mingħajr id-debita liċenzja, u dan bi ksur tal-artikolu 3 (1) ta' l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji (Kap 376 tal-Liġijiet ta' Malta)."

**L-artikolu 3 (1) tal-Kap 376 tal-Liġijiet ta' Malta**, <u>kif viġenti fl-epoka tal-intavolar tal-kawża fi Frar tal-2015</u> (l-Att numru XII tal-1994) kien jipprovdi hekk-

"Ebda kummerċ ta' istituzzjoni finanzjarja ma għandu jsir f'Malta jew minn Malta ħlief minn kumpanija li jkollha liċenzja mogħtija taħt dan l-Att mill-Awtorita' kompetenti."

Il-Qorti tinnota nvece li l-konvenuti bbażaw is-sottomissjonijiet tagħhom fuq id-diċitura tal-artikolu 3 (1) kif sostitwit bl-Att XXVI tal-2019 li allura mhux applikabbli għall-każ tal-lum.

B'referenza għal dan l-artiklu 3 (1) tal-Att XII tal-1994 din il-Qorti diversament preseduta kienet qalet hekk fil-każ **Paul Gauci et vs Dominic Farrugia et deċiż fit-30 ta' Marzu 2012 -**

"Illi l-Kapitolu 376 jgħid illi istituzzjoni finanzjarja tfisser kull persuna li b'mod regolari jew abbitwali tikseb holdings, jew tidħol biex twettaq xi attivita' elenkata fl-ewwel skeda akkont u għar-riskju tal-persuna li tkun qegħda twettaq dik l-attivita'.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti rat sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati Għawdex fil-Ġurisdizzjoni Superjuri, mogħtija fil-kawża fl-ismijiet **Ronald Azzopardi vs Francis Bonello et** fit-3 ta' Marzu 2009, fejn il-Qorti qalet hekk :

"Sabiex persuna tikkwalifika bħala istituzzjoni finanzjarja trid tagħmel l-atti elenkati fl-iskeda b'mod regolari jew abitwali. Il-Qorti hi tal-fehma li dawn iż-żewġ kelmiet huma sinonimi ta' xulxin u jindikaw attivita persistenti u kostanti, attivita' li tista tgħid tkun drawwa. Li persuna ssellef flus ma jfissirx b'daqshekk li awtomatikament taqa fid-definizzjoni ta' istituzzjoni finanzjarja."

Illi f'sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **David Bonett vs Carmelo Borg et**, il-Qorti qalet hekk :

"Fl-artikolu 3(1) ta' l-att numru XII tal-1994 li jipprovdi illi 'no business of a financial institution shall be transacted in or from Malta except by a company which is in possession of a licence granted under this Act by the competent Authority."

Il-Qorti qalet illi l-appellanti jidhru li qegħdin jikkonfondu l-bżonn ta' liċenzja biex wieħed jeżerċita tip ta' negozju ma' l-eżercizzju tan-negozju nnifsu u mal-validita tal-kuntratti u r-rabta kontrattwali li joħolqu. Għandu jkun ċar illi l-Att numru XII tal-1994 bl-ebda mod ma jimmodifika l-kapaċita ta' persuni li skond il-liġi setgħu jikkontrattaw illi jinvolvu ruhhom f'negozju ta' self. Tali negozju, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-liġi li tikkommina n-nullita' tiegħu, jibqa' validu u jorbot lill-kontraenti. Dana irrispettivament minn sanzjonijiet li l-attur jista jinkorri jekk jirriżulta li kien qed jikkonduċi negozju li għalih ma kellux liċenzja.

(……)

L-attur xehed illi qatt ma silef flus lil ħadd aktar hlief lill-konvenuti u li kien silef lill-konvenut sempliċement għaliex il-konvenut kien insista miegħu li kellu bżonn dawn il-flus b'mod urġenti u peress illi kienu ħbieb.

Illi bl-ebda mod ma ġie ippruvat illi l-atturi kien jisilfu il-flus b'mod regolari jew abitwali, qishom kienu saru xi bank u għalhekk bl-ebda mod ma jikkwalifikaw bħala istituzzjoni finanzjarja.

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut."

Fid-dawl tal-prinċipji suesposti l-Qorti tirrileva li fl-ewwel lok, il-liġi per se ma toħloqx projbizzjoni biex persuni jsellfu l-flus lil terzi.

Fit-tieni lok, fil-każ odjern irriżulta bla dubju li l-atturi silfu flus lill-konvenuti pero' ma ġiex pruvat li huma kienu jwettqu xi negozju ta' self ta' flus anke ma' persuni oħra bħal li kieku kienu xi bank. Inoltre, għalkemm is-self ta' flus mill-

atturi lill-konvenuti – li hu mertu tal-kawża odjerna - seħħ permezz ta' diversi transazzjonijiet, dan kollu sar fuq medda ta' tlett xhur minn Settembru 2013 sa Diċembru 2013 u allura ma jistax jingħad li dan is-self tal-atturi huwa wieħed "regolari" jew "abitwali" għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Fil-każ **Ronald Azzopardi vs Francis Bonello et deċiż fit-3 ta' Frar 2021** ingħad hekk mill-Qorti dwar dawn iż-żewġ termini"regolari" u "abitwali" –

"Il-qorti hi tal-fehma li dawn iż-żewġ kelmiet huma sinonimi ta' xulxin, u jindikaw attivita' persistenti u kostanti. Attivita' li tista' tghid tkun drawwa. Li persuna ssellef flus ma jfissirx b'daqshekk li awtomatikament taqa' fid-definizzjoni ta' istituzzjoni finanzjarja. M'hemmx dubju li l-leġislatur ħalla fid-diskrezzjoni tal-qrati sabiex jiddeċiedu jekk persuna tkunx qegħda tagħmel attivita' bħala istituzzjoni finanzjarja."

Il-Qorti tqis li fiċ-ċirkustanzi tal-każ odjern u l-provi prodotti fir-rigward, ma jirriżultawx l-estermi ndikati fil-liġi li jikklassifikaw l-attivita' tal-atturi bħala waħda persistenti u kostanti fir-rigward tal-konvenuti.

**L-eċċezzjoni għalhekk hija miċħuda.**

**B. <u>MERTU</u>**

**5.Fit-tieni talba** tagħhom l-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti tordna lill-konvenuti jħallsuhom is-somma komplessiva ta' €78,120 b'riżultat ta' self ta' flus brevi manu lill-konvenuti.

Qabel ma tgħaddi biex tevalwa din it-talba l-Qorti tqis opportun li tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet –

i Mill-provi mressqa mill-partijiet, u li sinteżi ta' uħud minnhom hija riprodotta fis-sentenza, huwa ċar li l-partijiet ressqu verżjonijiet pjuttost kuntrastanti dwar it-transazzjonijiet li seħħew bejniethom u materji anċillari.

Kif inhu pero' rassodat fil-ġurisprudenza, dan il-kunflitt ta' provi m'għandux ikun ta' ostaklu per se biex il-Qorti tasal għall-ġudizzju tagħha.

Ingħad hekk fil-każ fl-ismijiet **Raymond Cauchi noe vs Michael Angelo Fenech deċiż fil-15 ta` Diċembru 2015**[7]-

"**<u>Konflitt tal-verżjonijiet</u>**

Fis-sentenza tagħha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawża **`Xuereb et vs Gauci et`** il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk dwar konflitt ta` provi fil-kamp ċivili –

"Huwa paċifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn żewg prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:

1) Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra ; u

2) Fin-nuqqas, li tiġi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".

Ara a propożitu sentenza fl-ismijiet "**Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma**", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.

Fi kliem ieħor il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f`kawżi ċivili, huma ġeneralment sufficjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (Kollez. Vol L pII p440)."

[7] Rik Gru Nru 1170/86

(ara wkoll: "**Bugeja vs Meilak**" – PA/TM – 30 ta` Ottubru 2003; "**Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa**" – PA/PS – 28 ta` Mejju 2003; "**Farrugia vs Farrugia**" – PA/CC – 24 ta` Novembru 1966)

Fuq nota simili, il-Qorti qalet hekk fil-każ **Pickless Ltd vs Saviour Farrugia et deċiż fl-20 ta' Jannar 2016**[8] **-**

"Fuq il-kwistjoni tal-konflitt tal-provi ingħad illi:

"mhux kwalunkwe' tip ta' konflitt (fil-verżjonijiet mogħtija tal-partijiet) għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-izbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha .... .... Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u speċjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke' fuq il-bilanċ tal-probabilita' u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (...) anzi', f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verżjoni u oħra, aktar tidher il-possibilita' tal-qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."[9]

Ingħad ukoll illi:

"fi kwistjoni ta' kredibilita' u apprezzament ta' provi l-kriterju ma huwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk l-ispjegazzjoni hix possibbli u minn awl id-dinja fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja[10]."

Fil-każijiet fejn il-Qorti tkun rinfaċċata minn provi konfliġġenti, il-Qorti għandha tkun gwidata minn żewġ prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi li jkunu ġew prodotti quddiema, u ċioe:

1. Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra; u

[8] Rik 445/07

[9] **Carmelo Farrugia vs Rokko Farrugia**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fil-24 ta' Novembru 1 966.

[10] **Joseph Borg vs Joseph Bartolo**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Inferjuri) fil-25 ta' Gunju 1980

2. Fin-nuqqas, li tiġi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur[11].

Fi kliem ieħor, il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, fuq preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konviċiment tal-ġudikant[12]."

ii. Il-provi mressqa mill-konvenuti jinkludu wkoll flejjes oħra (li mhumhiex parti mill-mertu tal-kawża odjerna) u li allegatament ġew mislufa lilhom mill-atturi fl-istess perjodu li fih sar is-self tal-flejjes li huma mertu ta' din il-kawża.

Il-Qorti tissottolnea li, kif ingħad fil-każ **Health Services Group Ltd vs Id-Direttur tal-Kuntratti et deċiż fit-28 t'April 2017**[13] **-**

"Kif qalet din il-Qorti fil-kawża **Micallef v. Mizzi**, deċiża fil-24 ta' Frar, 2012:

"Huwa prinċipju magħruf illi fl-għoti tas-sentenza l-Imħallef ċivili għandu joqgħod rigorożament fil-limiti tal-kontestazzjoni. Fuq kollox huwa għandu joqgħod strettament għat-termini tal-kawżali u tat-talba kif miġjuba fiċ-ċitazzjoni….ma huwiex leċitu li l-kawża tiġi maqtugħa fuq kawżali differenti minn dik espressa fiċ-ċitazzjoni. Kawżali kif espressa fiċ-ċitazzjoni ma tistax tinbidel tul it-trattazzjoni tal-kawża u l-Qorti għandha toqgħod u tkun konformi mat-termini tad-domandi kif espressi fiċ-ċitazzjoni. Li kieku dan ma jsirx, is-sentenza mogħtija tkun extra petita".

Għalhekk il-Qorti tagħmilha ċara li hija mhijiex ser tieħu in konsiderazzjoni l-provi u sottomissjonijiet magħmula mill-konvenuti b'referenza għal ċifri allegatament mislufa mill-atturi lilhom u li mhumhiex parti mill-kawża.

F'dan il-kuntest il-Qorti tirreferi għal fotokopja ta' sms li huwa esebixxa a fol 55 (Dok JG 3) permezz ta' liema huwa qed jgħid li jikkostitwixxi prova ta' imgħax

[11] **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Nferjuri) deciza fl-24 ta' Marzu 2004)

[12] **Joseph Vella vs Judas Taddeo sive Teddy Borg et**, Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) deciza fis-19 ta' Mejju 2015

[13] Rik 381/11

bl-użura li l-atturi kienu talbuh fuq somma ta' €4,300 mislufa lilu (paragrafu 34 (k) tan-Nota Ġuramentata tal-konvenut a fol 43.

Il-Qorti tirrileva li fl-ewwel lok, it-transazzjoni li l-konvenut semma a fol 43 ma tikkonċernax parti mis-somom mislufa fil-kawża odjerna. Inoltre, il-Qorti la tista' u lanqas għandha tevalwa dak il-messaġġ bil-għan li testrapola minnu xi konklużjoni li torbot fir-rigward tas-self li seħħ li huwa mertu tal-kawża odjerna.

Kull self mertu tal-kawża odjerna ser jiġi analizzat individwalment skont il-fatti u ċ-ċirkustanzi marbuta miegħu. Xejn aktar u xejn anqas.

Ferm il-premess il-Qorti sejra tipproċedi bil-kunsiderazzjonijiet dwar il-mertu tal-kawża.

iii. Il-flejjes allegatament mislufa mill-atturi lill-konvenuti u li dwarhom ġiet intavolata l-kawża odjerna huma kif indikati fir-rikors ġuramentat -

a) **€8,000** permezz ta' skrittura datat 16 ta' Settembru 2013[14];

b) **€21,000** permezz ta' bank draft maħruġ mill-Bank of Valletta plc fuq il-konvenut Joseph Gatt fis-16 ta' Settembru 2013[15];

ċ) **€250** permezz ta' bank draft maħruġ fis-16 ta' Settembru 2013 fuq Mario Borg wara struzzjonijiet mogħtija mill-konvenut Joseph Gatt[16];

d) **€10,670** permezz ta' bank draft maħruġ mill-Bank of Valletta plc fuq il-konvenut Joseph Gatt fis-7 ta' Diċembru 2013[17];

---

[14] Fol 5 et seq
[15] Fol 8
[16] Fol 10
[17] Fol 9

e) **€2,550** permezz ta' bank draft maħruġ mill-Bank of Valletta plc lil Beechwood Ltd fis-16 ta' Settembru 2013 fuq struzzjonijiet tal-konvenut Joseph Gatt[18];

f) **€1,250** permezz ta' bank draft maħruġ mill-Bank of Valletta plc lil Sunny Gatt fis-16 ta' Settembru 2013 fuq struzzjonijiet tal-konvenut Joseph Gatt[19];

ġ) **€2,500** permezz ta' bank draft ieħor maħruġ mill-Bank of Valletta plc lil Royal Travel Ltd fis-16 ta' Settembru 2013 fuq struzzjonijiet tal-konvenut Joseph Gatt[20];

g) **€2,500** permezz ta' bank draft maħruġ mill-Bank of Valletta plc lil Royal Travel Ltd fit-8 ta' Novembru 2013 fuq struzzjonijiet tal-konvenut Joseph Gatt[21];

għ) **€4,500** mogħtija mill-atturi lill-konvenut fi flus kontanti u li għalihom il-konvenut kien ta ċekk lill-atturi iżda ma ssarrafx[22];

h) **€28,800** mogħtija mill-atturi lill-konvenjut fi flus kontanti u li għalihom il-konvenut tahom tmien ċekkijiet[23] maħruġa fuq terzi fl-ammonti ta' –

€6,300

€2,500

€3,500

€3,500

€4,000

€2,500

[18] Fol 11
[19] Fol 11
[20] Fol 12
[21] Fol 12
[22] Fol 13
[23] Fol 16 et seq (minn Dok L sa Dok Q)

€3,500

€3,000

**TOTAL: €82,020**

Minn dan it-total l-atturi jiddikjaraw fir-rikors promotur stess li mis-somma ta' €8,000 li ġiet mislufa lill-konvenuti permezz ta' l-iskrittura privata tas-16 ta' Settembru 2013, huma fadlilhom iħallsu biss is-somma ta' €4,100[24]. Il-bqija tal-ammonti elenkati għadhom dovuti fl-intier tagħhom skont l-atturi. Għalhekk mis-somma ta' €82,020 ser titnaqqas is-somma ta' €3,900 b'dana li jifdal il-bilanċ ta' **€78,120** mitlub mill-atturi permezz tal-kawża odjerna.

F'dan l-istadju u qabel tipproċedi ulterjorment sabiex teżamina t-talbiet attriċi dwar kull transazzjoni ta' self mertu tal-kawża odjerna, l-Qorti tirreferi għat-**tieni, t-tielet u r-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti** li ser ikunu qed jiġu kkunsidrati fl-evalwazzjoni ta' kull transazzjoni ta' self li għaddiet bejn il-partijiet.

**iv.It-tieni eċċezzjoni** tgħid hekk -

"2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, is-self kollu allegat mill-atturi sar veru imgħax li jeċċedi l-limitu mpost mill-liġi u kwindi b'użura, u għalhekk l-istess self huwa kollu afflitt minn causa illeċita."

L-artikolu 1852 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi hekk –

"(1) L-imgħax ma jistax jaqbeż it-tmienja fil-mija fis-sena.

[24] Fol 3

(2) L-imgħax miftiehem f'iżjed minn daqshekk jiġi mnaqqas sal-limiti hawn fuq imsemmija.

(3) Jekk ikun ġie mħallas imgħax iżjed minn dak li tagħti l-liġi, iż-żejjed jinqata' mill-kapital."

Fil-każ **Lino Sammut vs Kenneth Gafa deċiż fis-26 t'Ottubru 2022** ingħad hekk in materja -

"Fis-sentenza fl-ismijiet **Neg. Lewis Formosa vs Antonio Gatt** deċiża fl-20 ta' Novembru 1934, il-Qorti tal-Kummerċ irriteniet illi:

"l-legislaturi ta' kull pajjiż fejn hemm limiti ta' imgħax li jista' jieħu l-kreditur dejjem ħasbu għall-każijiet illi l-partijiet jistgħu jinventaw biex il-kreditur jasal għal fini tiegħu li jieħu imgħax akbar minn dak li tagħtih l-liġi ... Il-leġislaturi allura, biex jaslu fl-użura u jopponuha, billi din hija odjuża ħafna u tirrovina d-debituri, ikkolpew bin-nullita' dawk il-kuntratit li jkunu qegħdin hekk jagħttu l-użura."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Lorenza Bellia vs Carmelo Zammit et** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Ġunju 1945 ingħad illi "Il-konvenzjoni affetta b'użura hija, għal dak li jirrigwarda l-użura, nulla b'mod assolut, jiġifieri ineżistenti, billi illeċita għaliex projbita mil-liġi (art. 1613, 963 u 696, Ordinanza ċitata), u hija illeċita fir-rigward tal-mutwant (ara sentenza ta' din il-Qorti in re "**Carmelo Lia vs Emmanuele Genovese**" ta' l-4 ta' Marzu 1938)".

Fil-każ **Rosario Cortis vs Angelo Farrugia et deċiż fis-27 ta' Mejju 2022** ingħad hekk -

"Fil-kawża fl-ismijiet **Lawrence Farrugia vs Fedela Carabott** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta` Jannar 2004 ingħad–

Huwa paċifikament akkolt illi "fil-każ ta` użura ġie dejjem ritenut li l-obbligazzjoni hija illeċita għall-mutwant, għaliex il-vjolazzjoni tad-divjet tal-liġi hija magħmula unikament a favur tiegħu u kontra l-interessi tad-debitur, li ħafna drabi, jekk mhux dejjem, ikollu joqgħod kontra l-volonta` tiegħu" (Vol. XXX P I p 103) ;

Ifisser għalhekk li "kwalunkwe ftehim li l-partijiet jistgħu jivvantaw biex il-kreditur jasal ghal fini tieghu li jieħu imgħax aktar minn dak li tippermetti l-liġi huwa null" ("**Neg. Lewis Formosa -vs- Antonio Gatt**", Qorti tal-Kummerċ, 20 ta` Novembru 1934 ; Kollez. Vol. XV pagna 583 ; u Vol. XVI PII p246)"

v.Imbagħad **it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti** tgħid hekk -

"Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, in-negozju ġuridiku mertu tal-kawża huwa kollu kemm hu afflitt mill-illeċitu, stante li kien jinvolvi flejjes provenjenti minn operazzjonijiet kostitwenti reat."

Dwar din l-eċċezzjoni l-konvenuti jissottomettu[25] li s-self li sar mill-atturi kien jinvolvi flejjes provenjenti minn operazzjonijiet kostitwenti reat u dan stante li huma kienu qegħdin jisilfu l-flus lill-konvenut bl-użura, u mill-pagamenti hekk imċappsa bl-użura li huwa kien jgħaddilhom, huma kienu jerġgħu jgħaddulu flus b'self bl-użura.

[25] Fol 519

Imbagħad fil-każ ċitat aktar qabel **Rosario Cortis vs Angelo Farrugia et** kompla jingħad hekk -

"**Kawża Illeċita`**

Il-Kawża illeċita hija regolata mill-**Artikolu 987 tal-Kodiċi Ċivili**. Id-disposizzjoni taqra hekk:
L-obbligazzjoni mingħajr kawża, jew magħmula fuq kawża falza jew illeċita, m`għandha ebda effett.

**L-Artikolu 990 tal-Kap 16** ifisser illi:

Il-kawża hija illeċita meta hija pprojbita mil-liġi jew kuntrarja għall-egħmil xieraq jew għall-ordni pubbliku.

Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Charles Bartolo vs Victor Chetcuti** deċiża fit-13 ta` Gunju 2013 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili rrilevat is-segwenti:

ll-qrati tagħna dejjem irritenew li n-nullita` ta` kuntratt u konsegwentement l-obbligazzjoni naxxenti minn dak il-kuntratt tista` tiġi dedotta per via d`eċċezzjoni u mhux meħtieġ li, tiġi dedotta b`azzjoni, u dana meta dik in-nullita` hija espressament stabbilita mil-liġi. Il-Qorti ta` l-Appell fil-kawza "**Elena Agius vs Giuseppe Ciancio**" - deċiża fit-3 ta` Frar 1936 hekk esprimiet ruhha :-

"Il-kelma nullita` hija użata fix-xjenza ġuridika f`żewġ sensi, wieħed fis-sens proprju ta` "ineżistenza", jiġifieri kuntratt null ma jkunx jeżisti u qiesu qatt ma sar, u l-ieħor ta` "annullabilita"`, jiġifieri meta l-kuntratt jew att ieħor jista` jeżisti u jibqa` jseħħ sakemm ma jiġix imħassar u mwaqqa` għal xi raguni li ssemmi u trid il-liġi. ll- ġurisprudenza ta` dawn il-Qrati hija kostanti li tirritjeni li meta l-

kwistjoni hija ta` nullita`, il-konvenut f`kawża jista` jqajjimha b`eċċezzjoni, iżda jekk hija waħda ta` annullabilita` hu ma jistax iġibha `l quddiem ħlief b`kawża separata `ad hoc`." Difatti huwa paċifiku li din in-nullita` tista` anke tiġi sollevata mill-Qorti ex ufficio. (Pace et vs Agius et Vol XLID.p.684)

Illi kif diversi drabi ġie deciz minn din il-Qorti u mill-Qorti ta` l-Appell (ara ad es. sentenzi "**Reman -vs-Papa**" -21 ta` Marzu 1933 ; "**Portanier -vs Overend**" -14 ta` Dicembru 1934; u "**Smith -vs-Lawrence**" - Qorti tal-Appell tal-15 ta` Mejju 1931) "jekk il-kawża tal-ħlas tal-flus jew tal-oġġetti għandha rapport dirett mal-konkubinat (...) allura l-obbligazzjoni hija nulla ; jekk il-flus ġew mislufa fi żmien il-konkubinat, imma bħala negozju indipendenti, allura huwa validu. Pero`, kif il-ġurisprudenza tagħna kemm estera, u d-dottrina wkoll dejjem irriteniet, dina hija kwistjoni unikament ta` fatt illi għandha tkun eżaminata minghand il-ġudikant f`kull każ speċifiku skont iċ-ċirkustanzi ta` dak il-każ, għaliex f`materja hekk delikata dawn iċ-ċirkustanzi jistgħu jkollhom importanza deċiżiva fil-kwistjoni. Hekk f`din il-materja l-Venzi (Diritto Civile, No. 423) jgħid:-

"In generale la causa e` illecita quando e` contraria alla legge, al buon costume, all`ordine pubblico, quando cio` si verifichi nei singoli casi e` rimesso al prudente apprezzamento del giudice."

(…..)

Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Francis u Doris Buhagiar vs Ta’ Natu Ltd**, deċiża fis-17 ta’ Marzu 2021, waqt illi għamlet referenza għall-ġurisprudenza in materia, il-Qorti tal-Appell għamlet xi osservazzjonijiet li għandhom siwi anki għall-każ in diżamina. Ingħad hekk:

19. F’dan ir-rigward huwa opportun li jingħad illi fil-fehma ta’ din il-Qorti, il-kuntratt bejn il-partijiet huwa milqut b’kawża llecita, gialadarba għażlu li jiddikjaraw prezz differenti minn dak li effettivament thallas, dan ifisser li l-kontendenti fil-kawża kienu kompliċi fl-illeċitu. Għalhekk din il-Qorti ma tistax tqis it-talba attrici ta’ danni naxxenti minn inadempjenza kuntrattwali ladarba l-kuntratt in kwistjoni huwa milqut b’kawża illeċita, għaliex b’hekk hija tkun qiegħda tirrendi ruħha kompliċi fit-twettiq ta’ ħaġa illeċita. Kif ingħad mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, fis-sentenza tagħha tal-4 ta’ Mejju 2001, fl-ismijiet **Raymond Mifsud v. Emanuel Magri**:

“Ladarba kien hemm ksur ta’ liġi ta’ ordni pubbliku, il-qorti ma tistax tqis dan il-ksur bħala xi ħaġa irrelevanti. iż-żewġ partijiet kisru l-liġi, u għalhekk ma jistgħux issa jinqdew bil-liġi biex ifittxu rimedju kontra xulxin talli, għax kiser il-liġi, xi wieħed minnhom mar minn taħt. It-tnejn kienu kompliċi fl-illegalita’ u għalhekk issa l-liġi ma tgħinhomx: kullħadd jibqa’ b’li ħa; in pari turpitudinis causa melior est causa possidentis.”

20. Għandu jiġi enfasizzat il-prinċipju li min jidħol f'negozju bil-ħsieb li jqarraq bil-liġi, m’għandux ikollu s-serħan tal-moħħ li jekk in-negozju jmur ħażin, ikun jista' jinqeda bil-liġi biex jieħu lura dak li tilef. Il-biża' li jibqa' mingħajr il-ħarsien tal-liġi għandu jservi ta’ diżinċentiv għal min jiġih il-ħsieb li jagħmel negozju a skapitu tal-erarju pubbliku u ma għandhiex tkun il-liġi stess li tneħħi dan id-diżinċentiv għal min ikun irid iqarraq biha. (Ara f’dan is-sens is-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili tal-14 ta’ Ottubru, 1997, fil-kawża fl-ismijiet **Melita Insurance Brokers Limited v. Joseph Fenech et**. u dik ta’ din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Perit Raymond Vassallo vs Anthony Cuschieri** deċiża fl-14 ta’ Novembru, 1996). Kif rilevat ukoll fis-sentenza ta’ din il-Qorti tal-5 ta’ Ottubru 1998, (Kollez. Vol. LXXXII.II.734) fl-ismijiet **Antonio Cassar noe v. Boris Arcidiacono**:

"id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 987 u 991 tal-Kodiċi Ċivili mhumiex intiżi biex jagħtu xi drittijiet jew vantaġġ lil min ikun konxjament u deliberatament ikkontratta obbligazzjoni b'causa illecita jew kontra l-ordni pubbliku imma kienu biss intiża bhala deterrent kontra l-esekuzzjoni ta' tali obbligazzjoni."

**vi. Ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti** tgħid hekk –

"Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-ammont pretiż huwa wieħed eċċessiv."

Dwar din l-eċċezzjoni l-konvenuti jissottomettu[26] li mhux talli l-ammont pretiż mill-atturi huwa eċċessiv talli anke jekk hemm ammont dovut mill-konvenuti lill-atturi, dan l-ammont ma ġiex pruvat stante li tant kien hemm okkażjonijiet ta' self, pagamenti in restituzzjoni ta' self, taħwid, konfużjoni u kontradizzjonijiet fil-provi prodotti li huwa mpossibbli mill-provi mressqa li tasal għal xi konklużjoni li fil-fatt il-konvenuti huma debituri tal-atturi f'xi somma speċifika.

Fl-isfond tas-suespost, il-Qorti sejra tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet fir-rigward ta' kull wieħed mis-self mertu tal-kawża odjerna -

1) **€8,000** – Skont l-iskrittura datata 16 ta' Settembru 2013 li saret quddiem in-Nutar Dottor Mario Bugeja il-partijiet fil-kawża qablu li bis-saħħa tal-istess ftehim, l-atturi qua kredituri taw b'self lill-konvenuti qua debituri li minn naħa tagħhom aċċettaw b'self l-ammont ta' €8,000 "liema somma hi restitwibbli lura bla imgħax sa sena" mid-data tal-ftehim f'pagamenti ugwali mensili. L-ewwel pagament kellu jsir xi żmien xahar. Bħala garanzija tal-ħlas lura fuq is-self id-

[26] Fol 519

debituri kkostitwew a favur il-kredituri li aċċettaw ipoteka ġenerali fuq il-beni kollha tagħhom oltre ipoteka speċjali ta' appartament fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar. Permezz tal-istess ftehim il-partijiet ħassru kwalunkwe ftehim ieħor li seta sar bejniethom preċedentement.

Hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar din is-somma. Filwaqt li l-atturi jinsistu li huma sellfu din is-somma skont it-termini tal-ftehim tas-16 ta' Settembru 2013, il-konvenuti jinsistu li mis-somma ndikata fil-ftehim imsemmi, s-self proprju kien effettivament ta' €5,000 kapital filwaqt li €3,000 l-oħra kienu imgħax bl-użura. Skont l-atturi l-konvenut talabhom it-€8,000 fil-bidu t'Awwissu 2013 filwaqt li l-konvenut jgħid li l-ftehim dwar il-€5,000 sar fl-24 t'Awwissu 2013.

Skont l-istatement of account tal-kont bankarju tal-atturi a fol 325 et seq jirriżulta li fit-8 t'Awwissu 2013 inġibdet is-somma ta' €5,000 u fit-22 t'Awwissu 2013 inġibdet is-somma ta' €3,000.

Ċertament li s-somma ta' €5,000 miġbuda minn dan il-kont ma tistax titqies bħala konferma tat-teżi tal-konvenuti peress li, kif ingħad, dawn il-€5,000 inġibdu fit-8 t'Awwissu 2013 filwaqt li skont il-verżjoni tal-konvenut stess, il-ftehim għas-self mal-atturi sar żmien wara u ċioe' fl-24 t'Awwissu 2013.

Jiġi rilevat minn naħa l-oħra li peress li t-total ta' dawn it-transazzjonijiet jammonta għal €8,000 u nġibdu fil-perjodu meta skont l-atturi l-konvenut kien diġa' talabhom is-self ta' dik is-somma, il-Qorti tqis li huwa possibbli li dawk kienu jirrappreżentaw l-ammont tas-self mogħti lill-konvenut. Iżda prima facie ma tistax tasal għall-konklużjoni awtomatika li dan kien il-każ kemm għax hemm distanza ta' ġimgħatejn bejn transazzjoni u oħra u anke għax ma sarux qrib wisq id-data tal-ftehim tas-16 ta' Settembru 2013.

Il-Qorti għalhekk sejra ddur fuq il-prova li għaliha ffirmaw volontarjament iż-żewġ partijiet u ċioe' l-ftehim tas-16 ta' Settembru 2013. Id-diċitura ta' dak il-ftehim hija ċara u inekwivoka u għall-Qorti l-konvenut ma rnexxilux iressaq provi sal-grad rikjest mill-liġi li effettivament il-qbil bejn il-partijiet kien mod ieħor minn dak maqbul fil-ftehim tas-16 ta' Settembru 2013.

Jiġi sottolineat in materja li skont il-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta -

"992.(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom.

(......)

1002. Meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għal interpretazzjoni.

B'żieda ma' dan il-Qorti tagħmel referenza wkoll għax-xhieda tan-nutar Mario Bugeja nnifsu li quddiemu dehru l-partijiet biex jiffirmaw il-ftehim. Għalkemm naturalment huwa seta' jixhed biss fuq dak li seħħ quddiemu, huwa xehed hekk "Jien naf li meta ghamilt il-kuntratt kulhadd kien kuntent[27]."

Għalhekk fiċ-ċirkustanzi u fuq bażi ta' probabilita' l-Qorti tikkonkludi li l-kapital misluf mill-atturi huwa dak indikat fil-ftehim tas-16 ta' Settembru 2013 u ċioe' €8,000.

Minn din is-somma l-atturi qegħdin jitolbu l-bilanċ ta' €4,100 wara li ċ-ċekkijiet numri 251, 252, 254, 255, 256 għas-somma ta' €650 -il wieħed u ċ-ċekk numru 257 għas-somma ta' €850 ma ġewx imsarrfa, b'uħud minnhom, kif jirriżulta mill-

[27] Fol 247

fotokopji tagħhom esibiti a fol 14 u 15 tal-proċess (Dok J u Dok K) ma kienx hemm fondi fil-kont rispettiv tant li l-Bank irritornahom bħala 'refer to drawer'. Il-mamma ta' dawn iċ-ċekkijiet tinsab a fol 109 et seq tal-proċess (Dok X-51 et seq) u ma jidhrux ingassati bħala hemm fil-mamma ta' ċekkijiet oħra esibiti in atti mill-konvenut stess fejn kien sar ħlas għalihom fi flus kontanti.

Il-konvenut stess fin-nota ġuramentata tiegħu a fol 38 paragrafu 13 jirrikonoxxi li ċ-ċekkijiet bin-numri 251, 252, 254, 255, 256 u 257 baqgħu ma ssarfux.

**Għalhekk il-Qorti tqis li t-talba tal-atturi għall-ħlas tas-somma ta' €4,100 bħala bilanċ rimanenti mis-self ta' €8,000 ġiet pruvata sal-grad rikjest mill-liġi.**

2) **€21,000** – Kif irriżulta mis-sinteżi tal-provi, din is-somma ngħatat mill-atturi permezz ta' bank draft maħruġ mill-Bank of Valletta plc fuq il-konvenut Joseph Gatt fis-16 ta' Settembru 2013.

Fin-Nota ġuramentata tiegħu a fol 38 paragrafu 17 il-konvenut jgħid li l-ftehim kien li huwa jħallas lura din is-somma billi sas-16 ta' Marzu 2014 jagħti lill-atturi s-somma ta' €24,780 u kwindi €3,780 minnhom huma imgħax bl-użura.

Il-Qorti tqis li filwaqt li l-prova li s-somma ta' €21,000 għaddiet mingħand l-atturi għal għand il-konvenut, l-allegazzjonijiet avvanzati mill-konvenut ma ġew pruvati mkien. Fi kwalunkwe każ u dato ma non concesso li l-partijiet kienu ftehmu dwar xi imgħax, legali jew le, mhux qed jintalab ebda ħlas tiegħu f'din il-kawża peress li t-talba tal-atturi hija limitata biss għall-ammont ta' kapital li ġie misluf lill-konvenut u ċioe' €21,000.

Inoltre l-konvenut stess fl-istess Nota ġuramentata tiegħu a fol 38 paragrafu 17 jammetti li –

"Billi fi Frar 2014 inqala l-inkwiet bejni u bejn l-attur qatt ma ħallastu xejn lura minn dan is-somma li silifni."

**Għalhekk il-Qorti tqis li t-talba tal-atturi għall-ħlas tas-somma ta' €21,000 ġiet pruvata sal-grad rikjest mill-liġi.**

3) **€250** - Kif irriżulta mis-sinteżi tal-provi, din is-somma ngħatat mill-atturi permezz ta' bank draft maħruġ fis-16 ta' Settembru 2013 fuq Mario Borg wara struzzjonijiet mogħtija mill-konvenut Joseph Gatt.

Fin-Nota ġuramentata tiegħu a fol 39 paragrafu 18 il-konvenut mhux biss jammetti li kien hu li ta struzzjonijiet lill-atturi sabiex joħorġu dan il-bank draft iżda jammetti wkoll li –

"Jien ma ħallast xejn lura lill-atturi minn dawn il-flus."

**Għalhekk il-Qorti tqis li t-talba tal-atturi għall-ħlas tas-somma ta' €250 ġiet pruvata sal-grad rikjest mill-liġi.**

4) **€10,670 -** Kif irriżulta mis-sinteżi tal-provi, din is-somma ngħatat mill-atturi permezz ta' bank draft maħruġ mill-Bank of Valletta plc fuq il-konvenut Joseph Gatt fis-7 ta' Diċembru 2013.

Dwar din is-somma l-konvenut xehed hekk a fol 41 paragrafu 24 tan-Nota ġuramentata tiegħu –

"Minn din is-somma jien ma ħallast xejn lura. Ma niftakarx kif u meta kelli nħallas dawn il-flus lura u kemm kienet is-somma li kelli nagħtih lura."

Tenut kont tal-fatt li mhux biss hemm l-ammissjoni tal-konvenut iżda jirriżulta wkoll li l-atturi qegħdin jitolbu lura biss il-ħlas ta' dak li huma sellfu lill-istess konvenut, **il-Qorti tqis li t-talba tal-atturi għall-ħlas tas-somma ta' €10,670 ġiet pruvata sal-grad rikjest mill-liġi.**

5) **€2,550 -** Kif irriżulta mis-sinteżi tal-provi, din is-somma ngħatat mill-atturi permezz ta' bank draft maħruġ mill-Bank of Valletta plc lil Beechwood Ltd fis-16 ta' Settembru 2013 fuq struzzjonijiet tal-konvenut Joseph Gatt.

Dwar din is-somma l-konvenut iddikjara a fol 39 paragrafu 19 tan-Nota ġuramentata tiegħu li ħallas biss interessi bl-użura fl-ammont totali ta' €1,200 permezz ta' ħlasijiet ta' €120 kull darba magħmula fil-perjodi ndikati fl-istess Nota bejn is-27 ta' Settembru 2013 u d-29 ta' Novembru 2013.

Il-Qorti iżda ssib li din l-allegazzjoni tal-konvenut dwar il-ħlasijiet tal-interessi ma hi sorretta minn ebda prova sal-grad tal-probabilita', kif rikjest mill-liġi proċedurali.

Mhux biss mill-mamma taċ-ċekkijiet esibiti mill-konvenut ma jirriżultawx li saru xi ħlasijiet ta' €120 iżda anke x-xhieda tal-konvenut dwarhom in kontro-eżami a fol 229 et seq kienet evażiva u neboluża għall-aħħar. Huwa nsista li ma kienx hemm mamma ta' ċekkijiet fl-ammont ta' €120 għax meta huwa kien jagħti ċekkijiet lill-atturi, dawn kienu jkunu ta' ammonti akbar sabiex ikopru mhux biss il-€120 iżda wkoll ammonti oħra dovuti lill-atturi. Il-konvenut qal li[28]-

[28] Fo, 230

"jiena jekk mort b'ċekk ma nsemmu xejn qed ngħidu bl-amment ta' €300 jew €400 inkun ikkaverjajt dawn il-120 u qtajna xi ħaġa minn xi mkien ieħor."

Addirittura f'xhieda sussegwenti l-konvenut xehed li jista' jkun li s-somom ta' €120 seta' ħallashom jew b'ċekk jew fi flus kontanti[29].

Fid-dawl ta' dawn il-provi l-Qorti tqis li l-verżjoni tal-konvenut dwar il-ħlasijiet tal-imgħax bl-użura ma tistax titqies kredibbli.

Inoltre, l-konvenut f'ebda ħin ma ċaħad li s-somma ta' €2,550 mislufa lilu hija dovuta u li ma ħallas xejn minnha lura lill-atturi.

**Għalhekk il-Qorti tqis li t-talba tal-atturi għall-ħlas tas-somma ta' €2,550 ġiet pruvata sal-grad rikjest mill-liġi.**

6) **€1,250** - Kif irriżulta mis-sinteżi tal-provi, din is-somma ngħatat mill-atturi permezz ta' bank draft maħruġ mill-Bank of Valletta plc lil Sunny Gatt fis-16 ta' Settembru 2013 fuq struzzjonijiet tal-konvenut Joseph Gatt.

Dwar din is-somma l-konvenut iddikjara a fol 39 paragrafu 20 tan-Nota ġuramentata tiegħu li ħallas biss interessi bl-użura fl-ammont totali ta' €550 permezz ta' ħlasijiet ta' €55 kull darba magħmula fil-perjodi ndikati fl-istess Nota bejn is-27 ta' Settembru 2013 u d-29 ta' Novembru 2013.

Il-Qorti iżda għal darb oħra ssib li din l-allegazzjoni tal-konvenut dwar il-ħlasijiet tal-interessi ma hi sorretta minn ebda prova sal-grad tal-probabilita'.

---

[29] Fol 490$^{E}$ et seq

Lanqas mill-mamma taċ-ċekkijiet esibiti mill-konvenut ma jirriżultaw li saru xi ħlasijiet ta' €55.

Inoltre, l-konvenut f'ebda ħin ma ċaħad li s-somma ta' €1,250 mislufa lilu hija dovuta u li ma ħallas xejn minnha lura lill-atturi.

**Għalhekk il-Qorti tqis li t-talba tal-atturi għall-ħlas tas-somma ta' €1,250 ġiet pruvata sal-grad rikjest mill-liġi.**

7) **€2,500 -** Kif irriżulta mis-sinteżi tal-provi, din is-somma ngħatat mill-atturi permezz ta' bank draft maħruġ mill-Bank of Valletta plc lil Royal Travel Ltd fis-16 ta' Settembru 2013 fuq struzzjonijiet tal-konvenut Joseph Gatt.

Fin-Nota ġuramentata tiegħu a fol 40 paragrafu 21 il-konvenut iddikjara li –

"Jien ma ħallast xejn lura lill-atturi minn dawn il-flus."

**Għalhekk il-Qorti tqis li t-talba tal-atturi għall-ħlas tas-somma ta' €2,500 ġiet pruvata sal-grad rikjest mill-liġi.**

8) **€2,500** - Kif irriżulta mis-sinteżi tal-provi, din is-somma ngħatat mill-atturi permezz ta' bank draft maħruġ mill-Bank of Valletta plc lil Royal Travel Ltd fit-8 ta' Novembru 2013 fuq struzzjonijiet tal-konvenut Joseph Gatt.

Fin-Nota ġuramentata tiegħu a fol 40 paragrafu 22 il-konvenut iddikjara li huwa ħallas imgħaxijiet bl-użura fuq din is-somma fl-ammont totali ta' €285 permezz ta' tlett pagamenti ta' €95 -il wieħed fi tlett dati f'Novembru 2013.

Għal darb'oħra l-prova ta' dan il-ħlas ta' imgħaxijet ma tirriżultax la mill-mamma taċ-ċekkijiet esibiti mill-istess konvenut u lanqas minn provi oħra.

Inoltre, l-konvenut f'ebda ħin ma ċaħad li s-somma ta' €2,500 mislufa lilu hija dovuta u li ma ħallas xejn minnha lura lill-atturi.

**Għalhekk il-Qorti tqis li t-talba tal-atturi għall-ħlas tas-somma ta' €2,500 ġiet pruvata sal-grad rikjest mill-liġi.**

9) **€4,500** - Kif irriżulta mis-sinteżi tal-provi, din is-somma kienet mogħtija mill-atturi lill-konvenut fi flus kontanti u li għalihom il-konvenut kien ta ċekk lill-atturi iżda ma ssarrafx minħabba nuqqas ta' fondi fil-kont bankarju relattiv tant li l-Bank indika fuqu "refer to drawer".

Fin-Nota ġuramentata tiegħu a fol 41 paragrafu 25 il-konvenut iddikjara li –

"Fil-fatt is-somma mislufa kienet €4,050 u din is-somma kienet ġiet mislufa lili xi ġimgħat qabel. Minn din is-somma ma ħallast xejn lura."

Madankollu l-prova li effettivament il-kapital misluf kien €4,050 u li d-differenza kienet imgħax bl-użura ma tressqitx.

Lanqas tressqet xi prova oħra mill-konvenut ta' ħlas lill-atturi almenu fi flus kontanti.

**Għalhekk il-Qorti tqis li t-talba tal-atturi għall-ħlas tas-somma ta' €4,500 ġiet pruvata sal-grad rikjest mill-liġi.**

10) **€28,800** - Kif irriżulta mis-sinteżi tal-provi, din is-somma ġiet mogħtija mill-atturi lill-konvenut fi flus kontanti u li għalihom il-konvenut tahom tmien ċekkijiet[30] maħruġa lil terzi.

Fin-Nota ġuramentata tiegħu a fol 41 et seq minn paragrafu 26 sa 33 il-konvenut jirrikonoxxi li ma ħallas xejn lura minn dawn il-flejjes, madankollu fir-rigward ta' kull ammont huwa jsostni li parti minnu kienet tikkonsisti f'imgħax bl-użura. Skont il-konvenut, fir-rigward ta' flejjes indikati fiċ-ċekkijiet pagabbli lil terzi iżda aġġirati a favur l-attur, mis-somma ta' –

€6,300 indikata fiċ-ċekk numru 326 is-somma realment mislufa kienet ta' €5,650 xi ġimgħat qabel filwaqt li l-bqija kien imgħax bl-użura;

€2,500 indikata fiċ-ċekk numru 270 is-somma realment mislufa kienet ta' €2,250 xi ġimgħat qabel filwaqt li l-bqija kien imgħax bl-użura;

€3,500 indikata fiċ-ċekk numru 338 is-somma realment mislufa kienet ta' €3,150 xi ġimgħat qabel filwaqt li l-bqija kien imgħax bl-użura;

€3,500 indikata fiċ-ċekk numru 340 is-somma realment mislufa kienet ta' €3,150 xi ġimgħat qabel filwaqt li l-bqija kien imgħax bl-użura;

€4,000 indikata fiċ-ċekk numru 268 is-somma realment mislufa kienet ta' €3,600 xi ġimgħat qabel filwaqt li l-bqija kien imgħax bl-użura;

€2,500 indikata fiċ-ċekk numru 269 is-somma realment mislufa kienet ta' €2,250 xi ġimgħat qabel filwaqt li l-bqija kien imgħax bl-użura;

[30] Fol 16 et seq (minn Dok L sa Dok Q)

€3,500 indikata fiċ-ċekk numru 339 is-somma realment mislufa kienet ta' €3,100 xi ġimgħat qabel filwaqt li l-bqija kien imgħax bl-użura;

€3,000 indikata fiċ-ċekk numru 280 is-somma realment mislufa kienet ta' €2,700 xi ġimgħat qabel filwaqt li l-bqija kien imgħax bl-użura.

Madankollu mill-provi mressqa l-konvenut b'ebda mod ma rnexxielu jissostanzja din l-allegazzjoni fir-rigward ta' xi wieħed jew aktar mill-ammonti appena msemmija.

**Għalhekk il-Qorti tqis li t-talba tal-atturi għall-ħlas tas-somma globali ta' €28,800 ġiet pruvata sal-grad rikjest mill-liġi.**

Raġġunti dawn il-konklużjonijiet il-Qorti ssib li t-tieni talba tal-atturi hija mistħoqqa u għall-istess raġunijiet, l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti ser jiġu miċħuda.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tiċħad l-ewwel talba tal-atturi;**

**2. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti;**

**3. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lill-atturi s-somma ta' tmienja u sebgħin elf mija u għoxrin Ewro (€78,120).**

**4. Bl-ispejjeż a karigu tal-konvenuti flmkien mal-imgħax mill-lum sad-data tal-pagament effettiv.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**